

Brussell, 29 ta' Novembru 2024  
(OR. en)

16277/24

CLIMA 424  
ENV 1160  
ENER 583  
TRANS 517  
AGRI 843  
ECOFIN 1444  
COMPET 1167  
IND 539  
MI 986

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6291/24 + ADD 1-6
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Niżguraw il-futur tagħna Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta - Skambju ta' fehmiet

---

1. Biex tiggwida l-iskambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tas-17 ta' Diċembru 2024, il-Prezidenza ħejjiet in-nota u l-mistoqsijiet mehmuża għall-Ministri.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota tan-nota u l-mistoqsijiet tal-Prezidenza u jgħaddihom lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiet.

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat**

**Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni**

**Niżguraw il-futur tagħna Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta**

**- Skambju ta' fehmiet -**

**Introduzzjoni**

Fis-6 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha "Niżguraw il-futur tagħna - Il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, ġusta u prospera"<sup>1</sup>, li tirrakkomanda mira ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (GHG) sal-2040 meta mqabbla mal-1990. Il-mira għall-2040, ladarba jintlaħaq qbil dwarha, ser tkun il-bażi tal-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) il-ġdid tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi, li għandu jiġi kkomunikat lill-UNFCCC sew qabel il-COP30. Il-Kummissjoni mistennija tippreżenta proposta leġiżlattiva kmieni fl-2025 biex tinkludi mira klimatika għall-2040 fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u ttipproponi miżuri settorjali rilevanti fi żmien debitu. L-aħħar evidenza turi li l-ispejjeż tat-tibdil fil-klima u tan-nuqqas ta' azzjoni huma aktar evidenti bħalma huma l-benefiċċji tal-azzjoni, inkluż il-benefiċċji tas-sigurtà tal-enerġija, b'benefiċċji wiesgħa u sinifikanti ta' tnaqqis fid-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili.

L-eżami tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha bdew fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fit-12 ta' Frar 2024. Fil-25 ta' Marzu 2024, il-Kunsill (Ambjent) kellu l-ewwel dibattitu dwar il-Komunikazzjoni. Id-diskussjoni indikat li kien hemm appoġġ ġenerali biex tiġi stabbilita mira klimatika għall-2040 u li d-delegazzjonijiet qablu b'mod ġenerali mal-kundizzjonijiet abilitanti identifikati fil-Komunikazzjoni bħala meħtieġa biex tintlaħaq tali mira.

---

<sup>1</sup> Dok. 6291/24 + ADD 1-6

Matul id-dibattitu fil-Kunsill (Ambjent) tas-17 ta' Ġunju, il-ministri enfasizzaw l-implimentazzjoni tal-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030 li kien hemm qbil dwaru, is-salvagwardja tal-kompetittività tal-UE u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta bħala kundizzjonijiet abilitanti ewlenin. Huma ssottolinjaw ukoll il-hteġa li jiġu żgurati l-prevedibbiltà u trajettorja ta' implimentazzjoni stabbli lejn in-newtralità klimatika flimkien ma' qafas regolatorju u ta' investiment favorevoli. Id-dibattitu indika li l-istabbiliment ta' mira klimatika għall-2040 għall-UE jirrikjedi approċċ komprensiv, transsettorjali u bbilanċjat, b'konsistenza msaħħa bejn il-politiki dwar il-klima, l-enerġija, l-industrija u politiki rilevanti oħra biex jitqiesu l-interazzjonijiet u l-interdipendenzi tagħhom. Il-ministri saħqu li biex tiġi żgurata l-kompetittività industrijali tal-UE, hija teħtieġ fost l-oħrajn kundizzjonijiet ekwivalenti kemm globalment kif ukoll fl-UE u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija b'investiment imsaħħa f'teknoloġiji nodfa innovattivi.

Kunsiderazzjonijiet simili huma identifikati fil-pjan konġunt għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività propost minn Mario Draghi fir-rapport tiegħu "The future of European competitiveness" (Settembru 2024) biex jgħin biex jiġu ffaċċati l-isfidi, u jiġu sfruttati l-opportunitajiet, tad-dekarbonizzazzjoni. Approċċ integrat għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività huwa rifless ukoll fl-ittri ta' missjoni tal-President tal-Kummissjoni lill-Kummissarji nnominati. Kemm ir-rapport ta' Draghi kif ukoll ir-rapport ta' Enrico Letta "Much more than a market" (April 2024) jissottolinjaw il-hteġa urġenti li l-UE taċċellera l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni ekoloġika biex tilħaq il-miri tagħha għall-2030 u l-għan ġenerali tan-newtralità klimatika, it-trasformazzjoni tal-enerġija u l-integrazzjoni tas-Suq Uniku.

B'segwitu għad-dibattiti preċedenti tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, matul il-Presidenza Ungeriża d-diskussjoni fil-livell tekniku ffukat fuq it-tliet kundizzjonijiet abilitanti enfasizzati mill-ministri fil-Kunsill Ambjent ta' Ġunju. Il-punti ewlenin imqajma matul id-diskussjonijiet huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

## **Implimentazzjoni tal-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030 li kien hemm qbil dwaru**

Id-delegazzjonijiet jaqblu li l-implimentazzjoni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" hija prekundizzjoni biex tintlaħaq mira klimatika ambizzjuża għall-2040. It-trasport, l-agrikoltura, il-bini, u l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) jidhru li huma s-setturi fejn il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bħalissa qed jiffaċċaw l-akbar sfidi marbutin mal-implimentazzjoni, fosthom biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli u jiġu żgurati r-riżorsi finanzjarji meħtieġa. Id-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tal-elettriku u tal-industrija ser tirrikjedi wkoll investment sinifikanti, inkluż mis-settur privat. Xi delegazzjonijiet qiesu li huwa meħtieġ qafas regolatorju għall-mobilizzazzjoni tal-investment privat.

Għadd ta' delegazzjonijiet qiesu l-iskadenzi għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni taħt il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" bħala stretti ħafna u enfasizzaw il-piż amministrattiv li jirriżulta mir-rekwiżiti l-ġodda. Diversi delegazzjonijiet semmew ukoll l-isfidi marbutin mal-użu ta' teknoloġiji tal-assorbiment u l-ħżin tal-karbonju, inkluż fir-rigward tal-iżgurar tal-finanzjament meħtieġ. Fir-rigward tat-tagħlimiet meħuda, filwaqt li b'mod ġenerali d-delegazzjonijiet irrakkomandaw li jitkompla approċċ fil-forma ta' "pakkett" fit-tfassil tal-qafas għal wara l-2030 u qablu li s-setturi kollha jeħtieġ li jikkontribwixxu għall-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, diversi minnhom appellaw għal aktar flessibbiltà fit-tfassil tal-miri settorjali waqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet tal-Istati Membri.

## Niżguraw il-kompetittività tal-industrija Ewropea

Id-delegazzjonijiet ikkunsidraw il-prevedibbiltà, l-istabbiltà regulatorja u qafas ta' politika koerenti bħala fatturi ewlenin li jippromwovu l-kompetittività Ewropea. Xi delegazzjonijiet issottolinjaw li d-dekarbonizzazzjoni hija mutur tal-kompetittività bil-potenzjal li tippromwovi t-*tkabbir*, ir-reżiljenza u l-impjiegi li jibqgħu validi fil-futur. Diversi delegazzjonijiet enfasizzaw il-potenzjal kbir għat-tisħiħ tal-kompetittività li jinsab fis-settur tal-enerġija: xi wħud enfasizzaw ir-rwol ċentrali tal-enerġija rinnovabbli flimkien mal-*ħżin*, filwaqt li oħrajn enfasizzaw il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, filwaqt li rrikonoxxew ir-rwol tal-enerġija nukleari fit-tranżizzjoni. Id-delegazzjonijiet issottolinjaw il-*ħtieġa* li jiġi żgurat aċċess għal enerġija nadifa u affordabbli, inkluż permezz tat-titjib tal-infrastruttura, il-modernizzazzjoni tal-grilja u l-iżvilupp tal-interkonnessjonijiet, kif ukoll il-*ħtieġa* li jitneħħew l-ostakli għall-innovazzjoni, li titnaqqas il-burokrazija u jiġu ssimplifikati l-proċeduri bħal dawk għall-*għoti* ta' permessi. Barra minn hekk, diversi delegazzjonijiet indikaw il-potenzjal tat-teknoloġiji tal-assorbiment tal-karbonju u l-*ħtieġa* li jitħaffef l-użu tagħhom filwaqt li jitqies bir-reqqa l-mod li bih l-assorbimenti jiġu inklużi fil-qafas tal-politika għall-klima. Diversi delegazzjonijiet enfasizzaw li hemm potenzjal kbir mhux sfruttat fl-ekonomija ċirkolari.

Id-delegazzjonijiet saħqu fuq ir-rwol kruċjali tal-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni u tal-finanzjament għal teknoloġija nadifa kemm minn sorsi pubbliċi kif ukoll privati. Diversi delegazzjonijiet enfasizzaw ir-rwol tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-Fond għall-Innovazzjoni, fl-appoġġ għall-innovazzjoni. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet ġibdu l-attenzjoni għall-importanza ta' regoli effettivi dwar l-*għajnuna* mill-istat jew l-akkwist pubbliku. Fil-kuntest tal-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwivalenti fuq livell internazzjonali, diversi delegazzjonijiet saħqu fuq l-importanza tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) u ssuġġerew li għandha tingħata kunsiderazzjoni għat-titjib tiegħu filwaqt li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mar-regoli internazzjonali rilevanti. Xi delegazzjonijiet issottolinjaw il-*ħtieġa* għal azzjoni klimatika globali u f'dan il-kuntest appellaw għat-tisħiħ tad-diplomazija tal-UE dwar il-klima b'mod partikolari fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni u l-appoġġ dwar l-ipprezzar tal-karbonju.

## **Niżguraw tranżizzjoni ġusta**

Id-delegazzjonijiet qablu li huwa essenzjali li jiġu involuti ċ-ċittadini, in-negozji, il-ħaddiema u l-partijiet ikkonċernati kollha kif ukoll li jkun hemm kooperazzjoni mal-industrija biex jiġi żgurat li jkunu involuti fit-tranżizzjoni ekoloġika. Huma ssottolinjaw ir-rwol importanti tal-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka, tal-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja, kif ukoll tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet biex il-forza tax-xogħol tiġi mġhamra għat-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, huma saħqu fuq l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni trasparenti maċ-ċittadini u li tiġi pprovduta informazzjoni bbażata fuq ix-xjenza lill-pubbliku.

Ġie ssuġġerit ukoll li jiġi vvalutat l-impatt tal-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni fuq il-partijiet vulnerabbli tas-soċjetà. Kien hemm rikonoxximent tal-ħtieġa li jiġu appoġġati l-gruppi vulnerabbli l-aktar affettwati fit-tranżizzjoni ekoloġika, u diversi delegazzjonijiet qiesu li l-finanzjament permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima (SCF) għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ġustizzja soċjali u għandu jinżamm. Ġie mfakkar li l-appoġġ jista' jiġi pprovdut permezz tal-politika ta' koeżjoni u fondi oħra tal-UE, bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Soċjali Ewropew iżda li hemm lok għal titjib fid-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar dawk il-possibiltajiet. Barra minn hekk, il-miżuri mmirati biex jipprovdu appoġġ tekniku u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki tqiesu bħala utli.

## **Għodod ta' dekarbonizzazzjoni**

Id-delegazzjonijiet iddiskutew ukoll ir-rwol tal-għodod ta' dekarbonizzazzjoni u r-rwol tal-ipprezzar tal-karbonju fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija fil-perjodu wara l-2030. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet qiesu li s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) għandha tkompli tkun il-pedament tal-politika dwar il-klima fil-perjodu sal-2050, u ħafna minnhom fakkru fil-ħtieġa li tiġi kkombinata ma' CBAM effettiv. Diversi delegazzjonijiet issottolinjaw li fir-rigward tal-ETS 2 (bini, trasport bit-triq u setturi addizzjonali), jeħtieġ li tingħata attenzjoni bir-reqqa għall-użu effettiv tal-Fond Soċjali għall-Klima permezz tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima sabiex il-familji vulnerabbli jiġu protetti minn prezzijiet eċċessivi. Xi delegazzjonijiet kienu favur l-estensjoni tal-ETS għal aktar setturi addizzjonali bħall-agrikoltura, l-inkinerazzjoni tal-iskart jew bastimenti marittimi iżgħar filwaqt li xi oħrajn ma kinux favur l-estensjoni ulterjuri tagħha.

Madankollu, ġie indikat li ma hemm l-ebda soluzzjoni unika għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea, u biex jiġu kkomplementati l-mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju, id-delegazzjonijiet issuġġerew pereżempju l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-iżvilupp tal-idroġenu ekoloġiku u teknoloġiji oħra b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u aktar miżuri biex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija. Diversi delegazzjonijiet fakkru wkoll li ser ikun hemm hteġa dejjem akbar għal assorbimenti teknoloġiċi tal-karbonju fil-futur u li għandhom jiġu stabbiliti inċentivi biex jappoġġaw l-użu tagħhom.

### **Mistoqsijiet għall-Ministri:**

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom abbażi ta' dawn il-mistoqsijiet:

- 1. Biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċaw l-amministrazzjonijiet u n-negozji fir-rigward tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" għall-implimentazzjoni b'suċċess tiegħu, b'liema mezz u f'liema setturi partikolari taħt il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" jista' jitnaqqas il-piż amministrattiv, jew jistgħu jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti?*
- 2. X'tip ta' qafas regolatorju u ta' investment ikun meħtieġ fil-perjodu ta' wara l-2030 biex jipprovdi l-prevedibbiltà u l-koerenza politika meħtieġa biex tiġi promossa l-kompetittività tal-industriji Ewropej, filwaqt li ma jkunx hemm devjazzjoni mill-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050? X'miżuri abilitanti jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta?*